MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Numru 621/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
v

**FRANCIS CUSCHIERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANCIS CUSCHIERI** ta' wiehed u tletin sena, bin Joseph u Carmen nee Mizzi, imwieled Pieta nhar it-tmintax ta' Awissu 1970 u joqghod 8B, Sqaq Dun Vestru, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 388070M gie mressaq quddiemha akkuzat talli

1. fid-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' wara nofsinhar f'Hal Qormi kkommetta serq ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAU

091 ghad-dannu ta' Anthony Borg minn Haz Zebbug liema serq huwa ggravat bil-valur;

2. talli fid-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 f'B'Kara ghall-habta tas-sitta w nofs ta' wara nofsinhar attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi minn Awtoria kompetenti; u

3. talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datat tmienja ta' Gunju 1989.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Lulju 2002 esibit fl-atti a fol 10 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 11 tal-atti meta sarlu l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 xehed **PS 175 George Pace** [fol 22] fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002, ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija huwa, flimkien ma PC 1597 Alfred Chetcuti u PC 163 Robert Azzopardi kien ghaddej minn Triq il-Kardinal Sciberras f'Hal Qormi u ra lil imputat ghaddej fuq mutur bla *crash helmet* u bin-*number plate* tal-kartun u cioe mhux dak mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa pprova jwaqqaf lil imputat izda dan harab. Sid il-mutur Tony Borg, qallu li l-imputat kien seraqlu l-mutur pero l-

imputat qallu li Tony Borg kien tahulu u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni.

Illi dakinhar stess missier l-imputat ghamel rapport l-Ghassa li ma riedtx lil ibnu jghix aktar d-dar u meta marru jigbru lil imputat mir-residenza ta' missieru u cioe mill-fond numru 147, Triq Psaila, B'Kara, l-imputat kien hemm u beda jippanikkja u jghid li ma kien ghamel xejn. F'xi hin qabad siringa u beda jattakka lil PC 1597 Alfred Chetcuti, lil PC 1420 Etienne Tabone, PC 163 Robert Azzopardi u lil PC 254 Marco Cutajar. Meta ra li l-affarjiet kienu qed jihzienu, dan l-istess PS 175 Pace qabad lil missier l-imputat, poggih bejniethom w imbaghad qabad lil imputat minn hziemu.

Waqt l-arrest l-imputat beda jheddu b'certu Patrick Vella u l-Ispettur Mario Tonna u huwa hass ruhu mhedded peress li l-Ispettur Mario Tonna huwa superjur tieghu.

Illi nhar l-hdax ta' Gunju 2003 xehed **PC 1579 Alfred Chetcuti** [fol 39] fejn ikkonferma dak li qal PS 175 George Pace u cioe li kien ghaddej fuq patrol fi Triq il-Kardinal Sciberras f'Hal Qormi, meta ltaqa ma persuna ghaddejja fuq mutur bla number plate mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u bla *crash helmet*. Is-Surgent tah ordni biex jieqaf izda dan nonostante ma waqafx. Huwa gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna li kienet riekba l-mutur in kwistjoni. Huwa ddeskriva is-sewqan perikoluz tal-imputat u cioe li kien qed iserrep minn man nies u nizel wkoll *one way*. Sa fl-ahhar huma ma setghux isegwuh aktar ghaliex t-triq djieqet u huma baqghu dehlin fil-hin. Huwa, flimkien ma l-Ufficjali l-ohra, marru lura minn fejn kienu biex hemmhekk sabu lil certu Tony Borg li qalilhom li huwa kellu problema b'saqajh fis-sens li ma setghax jistartja l-mutur u l-imputat offrielu biex jistartjalu l-mutur pero meta ra lilhom, telaq jigri bih. Fil-frattemp wasal missier l-imputat l-Ghassa jaghmel rapport li ma riedtx lil ibnu jghix aktar mieghu d-dar u l-Pulizija ghalhekk marru d-dar tieghu u appena l-imputat rahom, dan beda jagixxi, ex admissis "qisu mignun". L-imputat kien aggressiv mal-Ufficjali tal-Pulizija tant li qabad siringa mill-fridge u beda jdahhal l-istess siringa f'ghonqu u f'idejh u

wara ipprova jniggez lis-Surgent biha. Is-Surgent hataflu idu u f'dak il-hin l-erbgha pulizija l-ohra qabzu fuqu. L-imputat baqa igib ruhu hazin maghhbom. Waqt li kienu fil-karozza huwa jghid li l-imputat hebb ghas-Surgent u heddu li kien ser jirrappurtah lil Imhallef Patrick Vella u lil Ispettur Mario Tonna. L-ghada kien mar Tony Borg l-Ghassa u qalilhom li kien sab il-mutur f'ghalqa limiti ta' San Gorg.

Illi nhar l-hdax ta' Gunju 2003 xehed **PC 163 Robert Azzopardi** [fol 42] fejn ikkonferma li huwa kien ma PS 175 George Pace u PC 1579 Alfred Chetcuti ghaddej fuq patrol fi Triq il-Kardinal Sciberras f'Hal Qormi meta f'xi hin ra lil imputat ghaddej fuq mutur bla crash helmet u b'number plate tal-kartun bin-numru FAU 091. Huma dehrilhom li l-persuna kienet involuta f'reat u ghalhekk bdew isegwuh. Huma gharfu lil din il-persuna bhala l-imputat odjern u baqghu jsegwuh, izda f'xi hin tilfuh. Jghid li l-imputat kien qed jserrep u jghaddi minn one way u minn man nies tant li spiccaw dahlu go hajt tas-sejjiegh. L-imputat fil-fehma tieghu, kien qed isuq b'mod perikoluz. Huma mbaghad irritornaw l-Ghassa sabiex ikomplu bl-istharrig w irrizultalhom li l-mutur kien jghajjat lil certu Tony Borg. Meta kellmuh dan qalilhom li kellu saqajh tugugh u l-imputat offra li jistartjalu l-mutur, izda meta ghamel hekk u ra lil Pulizija huwa telaq jigri 'l hemm bih. Wara huma marru d-dar tal-imputat f'B'Kara u meta l-imputat rahom hemmhekk, beda jippanikja, jghajjat u jdur 'l hemm u 'l hawn. F'hin minnhom, mar fejn il-fridge, fetah il-bieba, qabad siringa u dahhalha f'ghonqu u f'idejh u pprova jhebb ghalihom bis-siringa. Meta s-Surgent ra hekk, qabadlu s-siringa u arrestah. Dan nonostante l-imputat irrezista l-arrest.

**L-imputat ma xehedtx f'dan il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija** nhar t-tletin ta' Lulju 2002 esibita a fol 29 tal-atti markata bhala dokument PS 1, fejn ghogbu, kif kellu kull dritt li jaghmel, li ma jirrisponi ghal ebda domanda.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata biss b'dawk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess li fl-ebda hin ma gew kontradetti mid-difiza. Illi pero b'dan ma jfissirx li kull

allegazzjoni li ghamlet l-Pulizija hija minnha ghaliex xorta ghandha l-obbligu li tipprova kull akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat.

B'dispjacir tinnota li f'din il-kawza, il-provi huma skarsi ghalkemm il-kaz ilu ghaddej ghal aktar minn sentejn.

Dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik ta' serq aggravat bil-valur, il-Qorti nnotat li fl-ebda hin ma tela' sid il-mutur, ghalkemm maghruf mal-Pulizija, biex jikkonferma r-rapport ta' serq li hu ghamel mal-Pulizija nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002. Illi l-Pulizija ma pprovat lanqas x'tip ta' mutur kien qed isuq l-imputat jew x'numru ta' registrazzjoni kellu jew lil min kien jghajjat. Il-Prosekuzzjoni ppruvat biss li l-imputat kien qed isuq mutur bla crash helmet u b'number plate mhux mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija u <u>b'dawn iz-zewg kontravenzjonijiet, l-imputat ma giex akkuzat.</u>

Dwar t-tieni akkuza, u cioe dik li hebb w aggredixxa persuni nkarigati skon d l-ligi minn servizz pubbliku, din tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti. L-imputat beda jaggredixxi lil Pulizija, jirrezisti l-arrest legittimu, jhebb ghal Pulizija b'siringa u jheddihom b'nies fl-Awtorita.

Illi din ix-xhieda ma hija kontradetta minn hadd u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, tirrizulta pprovata b'mod sodisfacenti.

Dwar l-akkuza ta' recidiva, din ma gietx ppruvata ghaliex fl-atti ma hemm esibita ebda sentenza li giet moghtija fil-konfront tal-imputat.

Illi nonostante li l-imputat mhux recidiv ai termini tal-arkolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta din il-Qorti ma tistax tittratta mieghu qisu *a first time offender*, ghaliex minn ezami tal-fedina penali tieghu esibita fl-atti, jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi f'diversi okkazzjonijeit u minn din l-esperjenza ma tghallem xejn.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-fedina penali tal-imputat u l-artikolu tal-ligi 49, 50, 261(c), 267 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li qed ssib lil imputat**

**FRANCIS CUSCHIERI hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erbgha xhur u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' serq aggravat u li hu recidiv u tilliberah minn tali akkuzi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------